**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**10 ta' Lulju, 2022**

# IL-PAĊENZJA

Min għandu l-paċenzja jwettaq affarijiet importanti fil-ħajja tiegħu. Bniedem paċenzjuż ma jaqtax qalbu mal-ewwel intopp. Jgħidu li darba Michelangelo kien qiegħed jaħdem statwa tas-Salvatur minn irħam abjad ta' Carrara. Xħin kien diġà daħal sewwa fit-tiswir tal-wiċċ ta' Ġesù tfaċċat brama fl-irħam. Michelangelo kellu jieqaf u jibda kollox mill-ġdid. Ħadem l-istatwa fuq irħama oħra u llum din tinsab fil-knisja ta' Santa Maria Sopra Minerva, ġewwa Ruma.



Kemm nieħdu gost meta mmorru f'xi uffiċċju tal-gvern u nsibu lil xi ħadd li jilqagħna bil-paċenzja kollha u jgħinna.

Biex tħobb lil xi ħadd irid ikollok il-paċenzja. Anke fil-ħajja spiritwali jrid ikollok il-paċenzja. Irid ikollok il-paċenzja biex tkompli titlob meta tħoss li l-Mulej qisu mhux qed jisimgħek.

Kulħadd sema' bix-xjentist Ingliż Isaac Newton. Dan darba qal li jekk hu kien kapaċi jirnexxi f'ħafna affarijiet, iktar minn ħaddieħor, dan ma kienx dovut għall-fatt li kellu moħħ aħjar minn tagħhom, imma għax bena fih drawwa li jieħu paċenzja jaħseb u jirrifletti.

Nagħlaq bi ftit umoriżmu. Fid-dar parrokkjali għandna platt taċ-ċeramika mdendel mal-ħajt, bil-kliem: "Grant me patience Lord, but hurry!"

***L-Arċipriet***

**ROKNA EKOLOĠIKA**

Peter Piot huwa viroloġista li kien identifika l-virus tal-Ebola u ħadem ukoll fuq il-Covid-19 bħala direttur tal-London School of Hygiene. Piot jgħid li d-dinja se tgħaddi minn iktar pandemiji minħabba l-mod kif nittrattaw l-annimali, għall-fatt li llum huwa iktar faċli li n-nies jivvjaġġaw minn post għall-ieħor u fl-aħħar nett minħabba li ma żammejniex armonija u rispett lejn in-natura ta' madwarna.

## AVVIŻI:

**L-GĦAQDA ARMAR DIĊEMBRU 13:** tavża li r-rebbieħ tal-lotterija tal-inkwatru li kien qed jittella' huwa Toni Mercieca li joqgħod Triq Għajn Qasab bin-numru tal-biljett 780 AD 481041 kulur aħdar.

**BATTERIJI:** Żgur li f'ħafna mid-djar tagħkom għandkom batteriji ħżiena tal-karozzi li m'għandkomx bżonnhom. Nitolbukom sabiex iġġibuhom quddiem il-bieb tal-Uffiċċju Parrokkjali biex imbagħad dawn jinbigħu. Il-flus li jinġabru mill-bejgħ tagħhom imorru għall-ħtiġijiet tal-parroċċa. Nirringrazzjaw lil kull min jgħin.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am